# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2018**

**Numru 1**

**Citazzjoni numru 92/07 PC**

**Nazzareno u Pauline Konjugi Xuereb**

**v.**

**Angelo Cauchi**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment minn talba maghmula mill-konvenut fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2018 ghar-rikuza tal-Imhallfin Giannino Caruana Demajo u Noel Cuschieri in kwantu dawn kienu *"parti mill-Qorti li ddecidiet l-appell fit-18 ta' Lulju 2014".*

Din il-Qorti tosserva li dak li gie deciz minn din il-Qorti permezz tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2014 huwa li, wara li rrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti, iddikjarat li kien gie kommess spoll da parti tal-konvenut meta dan ghalaq u mblokka l-access tal-atturi ghall-ghalqa taghhom u konsegwentement ordnat li l-konvenut *"jispurga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jerga' jpoggi kollox fl-istat prestinu tieghu"* a spejjez tal-istess konvenut u taht is-supervizjoni tal-perit appuntat appozitament.  Din l-istess Qorti cahdet it-tielet talba sabiex jigi likwidat kumpens li l-konvenut ghandu jhallas fil-kaz li r-reintegrazzjoni kompleta tal-ispoll ma tkunx possibbli.

Il-vertenza li nqalghet sussegwentement ghal dak il-gudikat tikkonsisti fl-allegazzjoni da parti tal-konvenut li s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2014 hija ambigwa u ghalhekk ma setghetx tigi ezegwita mill-ewwel Qorti, kif ukoll giet sollevata l-vertenza dwar liema qorti ghandha tiddeciedi kif ghandha ssir l-ezekuzzjoni tas-sentenza.

Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2018 l-ewwel Qorti ddegretat bil-mod segwenti:

> "Il-Qorti b'referenza ghar-rikors tal-konvenut tat-28 ta' April 2017, wara li rat ir-risposta relattiva tal-atturi tal-15 ta' Mejju 2017, fejn iccitaw l-Artikolu 265 tal-Kap.12, in vista ta' dak li jghid l-istess artikolu tiddikjara li hija hi [l-ewwel Qorti] li ghandha tghid kif ghandha tigi esegwita din is-sentenza.

> "Dr.Kevin Mompalao [ghall-konvenut] f'dan l-istadju jitlob permess sabiex jappella minn dan id-digriet.
>
> "Il-Qorti, tilqa' t-talba"[1]

Mill-premess jirrizulta car li l-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti ma tincidix fuq il-konkluzjoni *per se*, fis-sens jekk din ghandhiex tinbidel jew le, li waslet ghaliha din il-Qorti fit-18 ta' Lulju 2018 izda tittratta limitament ghal mod kif ghandha tigi ezegwita dik is-sentenza u liema Qorti ghandha tiddeciedi dwar l-ezekuzzjoni taghha.

Ghaldaqstant, billi fic-cirkostanzi ma tezisti ebda raguni valida fil-ligi ghar-rikuza taz-zewg imhallfin fuq citati, tichad it-talba tal-konvenut.

| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |
|---|---|---|

Deputat Registratur
rm

[1] Vol.2 – Fol.592